# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 533/00**

**Numru 38**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Igor Loguinov**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tlieta u tmenin liri Maltin u erbgha u tletin centezmi (Lm583.34) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta' attrici ghall-perijodu mill-20 ta' Dicembru 1996 sad-9 ta' Settembru 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali .

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 14, 15 u 17 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-4 ta' Dicembru 2000 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm583.34,0 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' April 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg